MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Numru. 583/2000

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Paul Attard, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 76671 (M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe' talli :

a. Fl-Ghadira limiti tal-Mellieha, nhar it-13 ta' Awissu 2000 f'xi hin wara nofsinhar, ikkommetta serq ta' stereo tal-marka Kenwood u oggetti ohra minn vettura numru DBB 134, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Walter Curmi Cassar mis-Siggiewi;
b. U aktar talli f'Popeye Village limiti tal-Mellieha nhar l-14 ta' Awissu 2000, f'xi hin wraa nofsinhar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn vettura numru BAK 935, liema serq huwa kkwalfikat bil-mezz, valur u xorta tal-haga

misruqa u li sar ghad-detriment ta’ Florian Becker u Kathrin Ursula Heiss, turisti Tedeski;
c. Ukoll talli nhar l-14 ta’ Awissu 2000, f’Popeye Village, limiti tal-Mellieha, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara fil-vettura BAK 935, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (LM50) izda ma teccedix l-hames mitt lira Maltin (LM500) u li sar ghad-detriment ta’ Raymond Zarb;
d. Finalment talli huwa sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittibi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fl-14 ta’ Awissu tas-sena 2000 ghall-habta tas-1.00 p.m. certu Florian Becker u Kathrin Ursula Heiss ghamlu rapport lill-pulizija li ghall-habta ta’ nofsinhar kienu hallew il-vettura taghhom numru ta’ registrazzjoni BAK 935 ipparkjata Popeye Village u x’hin irritornaw lura lejn il-karozza huma raw vettura ta’ lewn abjad numru ta’ registrazzjoni ABB 389 li kienet ipparkjata hdejn il-vettura taghhom u kien hemm ragel bejn dawn iz-zewg karozzi. Huma indunaw illi dan ir-ragel f’idejh kellu l-basket taghhom illi kienu hallew fil-luggage boot tal-gettura taghhom vettura. Ir-ragel rahom u dahal fil-vettura tieghu u saq ‘l hemm. Il-persuni ta’ nazzjonalita barranija ippruvaw izommuh, izda ma irnexxielhomx. Meta harsu lejn il-vettura taghhom huma sabu l-quarter window tan-naha tax-xellug imkisra u skoprew ukoll xi

hsarat fis-seat ta’ wara. Ovvjament il-basket li kienu hallew fil-karozza ma kienx ghadu hemm hekk. Il-vettura numru ta’ registrazzjoni ABB 389 kienet issejjah lil certu Paul Attard, l-imputat fuq imsemmi. Dan gie arrestat u ingab l-ghassa tal-pulizija fejn mill-ewwel gie identifikat mill-persuni ta’ natura barranija vittmi ta’ dan ir-reat.

Illi aktar tard kienu marru l-ghassa tal-Pulizija certu Walter Curmi Cassar u Maria Galea. Walter Curmi Cassar kien qal illi l-gurnata ta’ qabel hu kien halla l-vettura tieghu DBB 134 fit-tarf tal-by pass tal-Mellieha, imsakkra bit-twieqi ta’ quddiem imnizzla b’xi pulzier. Wara xi kwarta, Maria Galea, li kienet qeghda mieghu, irritornat lejn il-karozza u rat tnejn minn nies iduru fil-vicinanzi. Maria Galea sabet il-bieba tax-xuffier miftuha u minn gol-vettura taghhom kien hemm stereo tal-marka Kenwood, zewg tapes u xugament neqsin. Maria Galea qalet lill-pulizija li wiehed mill-irgiel li kienet rat hdejn il-karozza kien l-imputat fuq imsemmi. Hu gharfitu wkoll fl-ghasa tal-pulizija. Hija qalet ukoll lill-pulizija illi wiehed minn dawn iz-zewg irgiel kellu basket abjad f’idejh u meta dawn l-irgiel rawha riesqa lejn il-vettura huma harbu ghal go l-ghelieqi.

Illi l-imputat fuq imsemmi irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fejn innega kull involviment f’dawn ir-reati.

Ikkunsidrat :

Illi fl-istqarrija illi irrilaxxja l-pulizija, l-imputat iddikjara illi l-vettura tieghu, illi giet iddentifikata mill-persuni ta’ natura barranija vittmi tar-reat in kwistjoni, isuqha hu biss u ma jislifha lil hadd.

Illi xehdu f’dawn il-proceduri Florian Becker u Kathrin Ursula Heiss. Huma irrakkontaw kif gara l-incident. Xehdu illi raw sew in-numru ta’ registrazzjoni tal-vettura u illi gharfu lill-imputat prezenti fl-awla bhala l-persuna illi serqilhom l-oggetti personali taghhom mill-vettura. Huma xehdu wkoll illi kien hemm hsarat fil-vettura illi giet nolleggjata lilhom, hgiega ta’ din il-vettura kienet giet imkissra. Huma xehdu wkoll illi meta marru l-ghassa tal-

pulizija, hemm hekk huma gharfu lill-imputat fuq imsemmi. Huma xehdu illi l-valur ta’ l-oggetti misruqa dakinhar jammonta ghal madwar sebghin lira Maltin (LM 70).

Illi xehdet wkoll f’dawn il-proceduri certa Maria Galea u qalet illi fis-sajf tas-sena 2000 kienet ma l-gharus taghha l-Ghadira, kienu ipparkjaw il-vettura taghhom fin-nizla ta’ l-Ghadira u kienu hallew kartiera fil-vettura taghhom. Hi daret lura lejn il-vettura biex igib il-kartiera u hi u tiela rat lil xi hadd hdejn il-bieba tal-karozza taghhom. Marret tigri lejn il-karozza u kif dahhlet ic-cavetta fis-serratura, is-serratura faqqghet. Dahlet fil-karozza u sabet l-istereo u affarijiet ohra neqsin. Pero’ il-kartiera sabitha. Ix-xhud gharfet lill-imputat fuq imsemmi bhala l-persuna li kien hdejn il-bieba tal-vettura taghha meta saret is-serqa in kwistjoni. Hija xehdet illi meta l-imputat raha, telaq jigri minn fuq il-post. F’idejh ratlu bhal barzakka tac-carrutta tad-drapp li kienet tidher mimlija sew. Hi xehdet illi mieghu kien hemm ragel iehor. Ix-xhud kompliet tghid illi meta baghtu ghaliha l-pulizija hija gharfet lill-imputat fl-ghassa bhala l-persuna li kienet hdejn il-karozza taghha u tal-gharus taghha dakinhar tas-serqa.

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet lil certu Ray Zarb in rapprezentanza tas-socjeta’ Euro Rentals illi xehed illi fil-vettura BAK 935 kienet tehtieg spiza ta’ hamsa u tmenin lira (LM 85) sabiex jigu imsewwija l-hsarat illi kienet garrbet din il-vettura tort tas-serqa in kwistjoni.

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet ukoll il-prova necessarja dwar ir-recidiva.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi f’dawn il-proceduri u qal illi dakinhar in kwistjoni huwa kien qieghed fir-remissa illi ghandu biz-zwiemel Hal-Qormi. Huwa cahad illi kellu b’xi mod x’jaqsam mad-delitti meritu ta’ din il-kawza. Huwa xehed illi l-karozza ma kien taha lil hadd, ic-cwievet, meta ma juzax il-karrozza, ihallihom fiha u l-karrozza ma isakkarhiex.

Illi l-Qorti, wara illi semghet ix-xhieda okulari tara illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-akkuzi kollha fil-konfront ta’ l-imputat fuq imsemmi.

Illi l-imputat cahad l-involviment tieghu f’dawn ir-reati, izda l-verzjoni illi ta lil din il-Qorti ma kienet xejn kredibbli. L-imputat stess ammetta illi huwa ma jislef il-vettura tieghu lil hadd. Huwa qal illi jhalli c-cavetta fil-vettura u ma isakkarx il-vettura tieghu, izda fl-ebda stadju ma xehed illi f’xi hin il-karozza tieghu ma sabhiex fejn kien ipparkeggaha u lanqas ma jirrizulta lil din il-Qorti illi l-imputat irrapporta lill-pulizija illi xi hadd kien seraqlu l-vettura fil-hin illi gew kommessi r-reati in kwistjoni. Ghaldaqstant, il-Qorti tara illi l-imputat mhuwiex xhud kredibbli.

Illi fi kliem l-istess Avukat difensur ta’ l-imputat waqt is-seduta tat-28 ta’ Lulju 2004, minkejja li l-imputat ma irregistrax ammissjoni ghan-nom ta’ l-imputat, issottometta illi jekk wiehed jara c-cirkostanzi kollha, anke il-fedina penali tal-imputat, ma jirrizultax illi huwa qaddis, pero’ mhuwiex tali, skond l-avukat difensur, li ma jistax jibbenefika minn sentenza sospiza.

Illi, wara li ezaminat il-fedina penali ta’ l-imputat, il-Qorti rat illi din mhijiex xi wahda allarmanti u tara ghalhekk illi tista taghti lill-imputat, misjub hati tar-reati kollha fuq imsemmija, l-<u>ahhar</u> opportunita sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti, filwaqt illi tiddikjara lill-imputat <u>hati</u> ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 49, 50, 261 (b), 261 (c), 261 (g), 263, 264, 265, 266, 271, 267, 278, 279, 280 u 325 (b), kif ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap. 9, tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospiza ghal erba’ snin mil-lum, u dana wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car bir-responsabbilita tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta’

prigunerija matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------